MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Numru 1043/2005

Il-Pulizija
(Sp Angelo' Gafa)
vs
Raimondo Borg, iben Vincent,
imwieled Paola fid-9 ta'
lulju, 1955

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, matul diċembru, 2004, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk da sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe' 'cheques' ta' Joseph Anthony Ellul u ta' Graziella Camenzuli;
2. talli fl-istess ċirkostanżi, naqas li jgħarraf lill-pulizija fi żmien ġimgħa li ċ-'cheques' ta' Joseph Anthony Ellul u ta' Graziella Camenzuli ġew fil-pussess tiegħu minkejja li

kien jaf li kienu misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fewjn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' marzu, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 334(a) u 334A tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------